**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Maħluf Numru 837/21 NC**

**It-Tabib Mediku Moses Camilleri**

**vs.**

**Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali**

Illum it-12 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2021.

Rat id-Digriet tagħha tas-26 ta' Awwissu, 2021 li bis-saħħa tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għal nhar id-19 ta' Ottubru, 2021 fl-10.30am.

Rat in-Nota tal-lum iffirmata u ppreżentata mill-Avukat Julienne Bencini għall-attur, f'liema Nota ġie dikjarat li l-attur qiegħed iċedi l-atti l-kawża in vista' ta' ftehim bejn il-partijiet.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni ta' Artikoli 906(1) u 907 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li ħadet konjizzjoni wkoll tan-Nota ta' Ċessjoni hawn fuq imsemmija, qiegħda tieqaf milli tqis aktar din il-kawża u b'hekk tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħiha minn fuq il-lista tal-kawżi attivi.

____________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

____________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**